



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2016
(OR. en)

7418/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0041 (NLE)

COEST 79
ELARG 30

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni,
f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni
li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra,
biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija,
ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja,
ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja,
l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija,
ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka
mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 209, flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2011 tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta' ... (għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/...^{1*}, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni ("il-Protokoll") ġie ffirmat soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Il-konklużjoni tal-Protokoll hu soġġett għal proċedura separata fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (6) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni fid-dokument st7417/2016.

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jagħtu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, in-notifika prevista fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll¹.

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
